MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 126/2005

**Il - Pulizija**

**v.**

**Joseph Chetcuti**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Chetcuti talli:

(1) F’Bormla fis-16 ta' Dicembru 2002, ghall-habta tat-3:00 p.m. hebb ghas-Sinjuri Benjamin u Marisa konjugi Bondin u Bernard Bondin minn Bormla u kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Marisa Bondin u Bernard Bondin skond ma ccertifika Dr. J. Cassar M.D. c/o Centru tas-Sahha ta’ Bormla;

(2) Fl-istess cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied;

(3) Fl-istess data, hin u lok, ghajjar, ingurja, insulenta, offenda bi kliem u hedded bi kliem lil Bernard Bondin;

(4) Fl-istess data, hin u lok ikkaguna hsara volontarja fuq il-vettura tal-marka Opel Corsa Targata SYC-001, proprjeta` ta' Marisa Bondin liema hsara teccedi l-mitt liri Maltin ( Lm100 ).
Il-Qorti giet mitluba li tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta` tal-familja Bondin;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' April 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Chetcuti hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, salv u b'eccezzjoni talli kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Benjamin u Marisa Bondin u talli hedded u ngurja lill-istess Bernard Bondin minn liema zewg imputazzjojnijiet illiberatu, u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Chetcuti pprezentat fil-25 ta' April 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tibdel u timmodifika s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-parti liberatorja taghha, cioe` fejn ma nstabx hati tal-imputazzjonijiet li kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Benjamin u Marisa Bondin u talli hedded u ngurja lill-istess Bernard Bondin, tirrevokaha fil-parti kondannatorja taghha, u tiddikjarah mhux hati ta' l-istess imputazzjonijiet kontrih migjuba, u subbordinament, jekk il-Qorti tikkonferma l-htija w tichad it-talba tieghu hawn fuq imressqa, jitlob ukoll li din il-Qorti tirriforma l-piena lilu moghtija ghar-ragunijiet fuq premessi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji: (1) Illi l-provi migbura u prodotti mill-prosekuzzjoni ma setghux iwasslu ghas-sejbien ta’ htija fil-grad rikjest mil-ligi; (2) Illi, minghajr pregudizzju ghal-ewwel aggravju, il-piena nflitta hija eccessiva u ma tirriflettix ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall**

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm**

**versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Jigi osservat ukoll li x-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[2]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[3].

Din il-Qorti fil-fatt ghamlet ezami approfondit tal-provi kollha migbura mill-Ewwel Qorti biex tara jekk dik il-Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ta' htija kif fuq indikat.

L-appellant jippuntwalizza diversi kontradizzjonijiet fix-xiehda moghtija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni u jsostni di piu` li hija xiehda li minnha stess turi li hija fabbrikata u korroborata biss f'dawk il-partijiet fejn ix-xhieda ftehmu dak li ser jghidu.

Evidentement l-Ewwel Qorti, wara konsiderazzjoni tal-provi kollha li ngabu quddiemha, wara li kellha l-opportunita` tqis "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi

---

2 Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

3 Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9) u wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, ikkonkludiet li l-appellant ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Bernard Bondin, li kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied, u kkaguna hsara volontarja fuq il-vettura Opel Corsa SYC-001.

Kwantu ghall-ewwel imputazzjoni, hija waslet ghall-konkluzjoni ta' htija minn dak li xehdu Bernard Bondin stess, Joseph Bondin u Joseph Aquilina. Bernard Bondin fil-fatt xehed li Charlton Chetcuti mbuttah minn wiccu u dan Charlton u Joseph Chetcuti tefghuh ma' l-art u Joseph tah daqqa fil-kozz ta' ghonqu. Joseph Bondin xehed li lil Joseph u Charlton Chetcuti rahom jaghtu lil Bernard Bondin fuq ghonqu u fuq dahru. Dwar meta qala' d-daqqiet Bernard Bondin, ix-xhud l-ewwel qal li Bernard qala' d-daqqiet kemm waqt li kien barra l-karrozza kif ukoll waqt li kien gewwa mbaghad jghid li qabel ma dahal fil-karrozza daqqiet fuqu ma kienx hemm ghax huwa telaq jigri, imma wara, Joseph Chetcuti hargu mill-karrozza u beda jerga' jaghtih, kif ukoll Charlton dak il-hin beda jaghtih. Joseph Aquilina qal li kemm Joseph kif ukoll Charlton Chetcuti taw daqqiet lil Bernard kemm bis-sieq kif ukoll bil-ponn u ghalhekk indahal biex iferraqhom.

L-appellant isostni li dawn ix-xhieda mhumiex kredibbli. Izda lanqas ix-xiehda in difesa ma tista' titqies safja. Jekk tigi ezaminata x-xiehda ta' l-appellant stess, li jinnega li sawwat lil Bernard Bondin, insibu li meta xehed fit-12 ta' Ottubru 2004 qal li nizel mill-karrozza tieghu meta ra lil Bernard Bondin u Joseph Bondin li kienu daru ghal Kenneth Chetcuti u dak il-hin Bernard Bondin "gie gas down fuqi, tefaghni fuq il-bonnett tal-karrozza tieghu u qalli biex inwarrablu biex imur jigbor arma. Jiena qomt, ftaht idejja u sibt lil Bernard ma' wicci. Wara nizel it-tifel Charlton u pprova jikkalma l-affarijiet." Meta xehed in kontro-ezami fid-19 ta' Jannar 2005 pero`, jghid li Bernard mar igib spanner u li ghalkemm ma sawtux, "malli tani pero` Bernard, naf li ftaht idejja u rreagixxejt ftit. Nghid lil Bernard qbadtu u tfajtu lil hemm biex jinfired minn ma' Charlton u l-affarijiet jikkwitaw bejniethom." Hija evidenti l-kontradizzjoni li fl-ewwel seduta qal li ibnu Charlton nizel

wara l-iskontru ma' Bernard u fit-tieni seduta ndika li Charlton diga` kien qieghed jiggieled ma' Bernard. Huwa wkoll evidenti li l-appellant, li sostna li kien Bernard li hebb ghalihom, ipprova jimminimizza s-sehem tieghu f'dan l-incident kollu – ghalkemm seta' kien *an unwilling participant*. Kwantu ghall-osservazzjoni ta' l-appellant li Benjamin Bondin iddikjara li l-appellant ipprova jikkalma l-affarijiet, dan jirrigwarda biss l-ahhar parti ta' l-incident fejn l-istess Benjamin Bondin jidher li mar jaffronta lil Michael Chetcuti (hu l-appellant) u ma jirrigwardax il-konfrontazzjoni li kien hemm ma' Bernard Bondin. Ta' min jinnota ukoll li meta Charlton Chetcuti xehed fl-1 ta' Novembru 2004 qal li Bernard Bondin saq fid-direzzjoni ta' missieru (l-appellant Joseph Chetcuti), hu telaq jigri lejn id-direzzjoni tal-vettura tieghu u Bernard Bondin fetah il-bieba tal-vettura tieghu ghal fuqu. Imbaghad jghid li huwa rreagixxa billi mbutta lil Bernard u minn dak il-hin 'il quddiem ma jafx x'gara peress li gie mizmum minn xi hadd li ma jafx min kien. Pero` meta xehed in kontro-ezami fid-19 ta' Jannar 2005, jghid li dakinhar zammu certu Philip li jahdem vicin taghhom. Din il-Qorti tosserva li dan "Philip" ma giex prodott bhala xhud mid-difiza. Inoltre ma tantx huwa verosimili li fix-xiehda tieghu Charlton Chetcuti jiftakar tant dettalji izda li ma jafx x'gara wara li mbutta lil Bernard Bondin. Huwa evidenti li anke Charlton Chetcuti pprova jimminimizza s-sehem tieghu f'dan l-incident kollu. Hekk ukoll Kenneth Chetcuti jghid li ma ra lil hadd jaghmel hsarat fuq il-vettura li kien biha Bernard Bondin (xiehda tieghu ta' l-1 ta' Novembru 2004), izda meta xehed in kontro-ezami fid-19 ta' Jannar 2005 stqarr li dak il-hin kien mohhu f'Joseph Bondin ghax kien ser jifgah.

L-appellant isostni wkoll li x-xhieda tal-prosekuzzjoni ftehmu dak li ser jghidu. Isemmi (1) li l-incident kien fit-tlieta – izda l-unika persuna li semmiet it-tlieta kienet Marisa Bondin; (2) li l-incident dam nofs siegha – izda kien Joseph Bondin biss li qal hekk; (3) li Bernard Bondin dam jaqla' daqqiet ghal hames minuti – Joseph Bondin jghid li Bernard "qala' hames minuti daqqiet zgur" u Joseph Aquilina jghid li "dam xi hames minuti jaqla'", izda dan ma jfissirx li dawn iz-zewg xhieda necessarjament

"ftehmu" dwar dan il-punt; wara kollox Bernard Bondin gie certifikat mit-Tabib Cassar li kellu "multiple abrasions and contusions in his face, upper limbs and back" li ma sarux zgur b'daqqa wahda; (4) li qablu dwar fejn Bernard Bondin qala' d-daqqiet – izda huwa l-istess Bernard Bondin li, wara kollox, ukoll jghid fejn u kif qala'.

Fl-ahharnett, kif appena osservat, hemm ix-xiehda tat-Tabib Jesmond Cassar li jikkonferma l-offizi li garrab Bernard Bondin.

Minn dan kollu u mill-analizi li ghamlet din il-Qorti tal-provi relattivi jidher li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha dwar l-imputazzjoni li l-appellant ikkawza offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Bernard Bondin.

Kwantu ghall-imputazzjoni li kkaguna hsara volontarja fuq il-vettura SYC-001, hawn ukoll l-Ewwel Qorti dehrilha li kellha temmen dak li qalu x-xhieda tal-prosekuzzjoni u tiskarta x-xiehda ta' l-appellant u tax-xhieda l-ohra in difesa. Din il-Qorti ghamlet ukoll l-analizi tal-provi relattivi u ma tarax li l-Ewwel Qorti ma setghetx hawn ukoll tasal legalment u ragjonevolment ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

Ghalhekk din il-Qorti ma ssib ebda raguni, fic-cirkostanzi li rrizultawlha, ghala ghandha b'xi mod tiddisturba l-apprezzament ta' fatt li ghamlet l-Ewwel Qorti. Konsegwentement l-aggravji li jikkoncernaw l-apprezzament tal-provi qed jigu respinti.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena li l-appellant iqis bhala eccessiva.

Issa, dwar il-piena, il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat.

Issa, il-piena ghal offizi ta' natura hafifa skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 221 tal-Kap. 9 hija dik ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa. Il-piena ghal min jaghmel hsara volontarja li ma tkunx tiskorri hames mitt lira (Lm500) imma tkun tiskorri hamsin lira (Lm50) ta' prigunerija minn hames xhur sa sena. Jigifieri meta l-Ewwel Qorti ddecidiet li timponi multa ta' mitejn u hamsin lira (Lm250) hija sahansitra mponiet piena taht il-*minimum* preskritt mil-ligi. Ghaldaqstant, u stante li ma hemm l-ebda appell da parti ta' l-Avukat Generali dwar il-piena, m'hemm l-ebda raguni sabiex din il-Qorti tiddisturba l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier in kwantu jirrigwarda l-appellant Joseph Chetcuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------